

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Novembru 2008

**dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-
Repubblika taċ-Ċili dwar emendi fl-Appendiċi tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed anness mal-
Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-
Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra**

(2009/104/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/979/KE tat-18 ta' Novembru 2002 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Billi:

- (1) Prattiki enoloġiċi ġodda awtorizzati fil-Komunità ġew notifikati lir-Repubblika taċ-Ċili fil-11 ta' Ottubru 2006 skont l-Artikolu 18 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed anness mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, (hawn taħt imsejjaħ "il-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed").
- (2) Meta jitqiesu l-konklużjonijiet tat-tielet Kumitat Konġunt UE-Ċili tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed li seħħ f'Santiago de Chile fl-10 ta' Jannar 2008, huwa neċessarju li jiġi emendat l-Appendiċi V tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed sabiex jiżdedu l-prattiki enoloġiċi l-ġodda awtorizzati fil-Komunità.
- (3) Il-Komunità u r-Repubblika taċ-Ċili għalhekk innegozjaw, skont l-Artikolu 29(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed, ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri biex jemenda l-Appendiċi V.
- (4) Għalhekk, l-Iskambju ta' Ittri għandu jkun approvat.

- (5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komunitas-Swieq Agrikoli,

IDDEĊIDIET LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fl-għamla ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili li jemenda l-Appendiċi V tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed anness mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissarju tal-Agricoltura u tal-Iżvilupp Rurali huwa b'hekk awtorizzat li jiffirma l-Iskambju ta' Ittri sabiex bih tintrabat il-Komunità.

Magħmula fi Brussell, 21 ta' Novembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 352, 30.12.2002, p. 1.